# Semgħek is-Sema

F'jum il-funeral tiegħek
Int li kont dawl għalija,
Sema griż kellek fuq rasek
Bix-xita nieżla qawwija.

Naf li mis-sema int tlabt
Biex tinżel dix-xita fiss,
Hekk wara ċ-ċelebrazzjoni
Kulħadd mar f'daru kif imiss.

Imma issa jibda' x-xogħol
Sieket tal-grazzja t'Alla,
Li bih jgħajjex lil uliedu
Missierna huwa, imnalla.

Fis-skiet ta' kull qalb jaħdem
L-imgħawweġ kemm jidrittah,
Fiż-żmien jaħdem il-bravura
Qalb mibdula dan hi tarah.

Ferħan għalik għax semgħek
Daqskemm inti tlabt bil-qalb,
Għad jikbru l-fjuri mill-għollieq
Mirakli kbar iseħħu bit-talb.

Ix-xita bla heda wrietni
Qawwiet talbek quddiemu,
Li regħdu l-ġewwieni tiegħu
Il-grazzji tiegħu x'jeqdiemu?!

Bħall-ilma dejjem ġejjin
Għax int titlob għalina,
Friska mħabbtu għal darb'oħra
B'riħtek Mà ħajtu hi ttina.

Sorpriża wara l-oħra
Ferħatu qed jinħema,
Ħelsien mit-toqol hekk kiefer
Għax talbek Mà qed jinstema'.

Patri Mario Attard OFM Cap
29 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.